# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 18**

**Rikors numru 471/08/3 AGV**

**Joseph Grech**

**v.**

**Maria Rita Grech**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Ottubru 2021 li ċaħdet it-talbiet tiegħu sabiex il-konvenuta tiġi dikjarata ħatja għas-separazzjoni bejniethom *stante* adulterju u sabiex konsegwenza t'hekk ittemm id-dritt tagħha għall-manteniment.

2. Fl-10 ta’ Novembru 2008 l-attur fetaħ kawża fejn ippremetta u talab is-segwenti:

> *“1. Illi l-esponent issepara legalment minn martu l-konvenuta Maria Rita Grech permezz ta' kuntratt in atti n-Nutar Dottor Marco Farrugia tal-15 ta' Dicembru, 2000 (Dokument A); u in forza ta' l-istess kuntratt huwa kien obbliga ruhu li jhallas lill-imsemmija martu s-somma ta' €349.41, ekwivalenti ghal Lm150.00, fix-xahar bhala manteniment ghaliha.*
>
> *2. Illi sussegwentement irrisulta b'mod car li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu, u ghalhekk hija giet li ddekadiet skont il-ligi mid-dritt taghha li tezigi l-manteniment minghand zewgha, l-esponent. B'danakollu l-konvenuta kompliet u ghadha sallum tircievi l-manteniment minghand l-esponent.*
>
> *3. Illi l-esponent huwa ntitolat li jipprocedi kontra martu ghas-separazzjoni legali in bazi ghall-adulterju taghha, u nfatti gie awtorizzat li jaghmel dan in forza ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Novembru, 2008 (Dokument B).*
>
> *4. Illi inoltre l-esponent gie awtorizzat in forza tad-digriet precitat li jipprocedi kontra martu biex jigi deciz li hija ddekadiet skont il-ligi mid-dritt li tezigi l-manteniment minghandu.*
>
> *5. Illi konsegwenzjalment ghas-suespost l-esponent huwa intitolat ukoll li jigi rimborsat mill-konvenuta martu l-manteniment kollu li ser jirrizulta li gie mhallas lilha ndebitament minn dik id-data li fiha jigi stabbilit illi l-istess konvenuta rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju fil-konfront tieghu kif fuq spjegat.*
>
> *Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet suesposti m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*
>
> *1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-partijiet kontendenti b’rizultat ta’ l-adulterju kommess mill-konvenuta fil-konfront ta’ zewgha l-esponent kif fuq inghad, u ghal dan il-ghan tistabbilixxi d-data li fiha l-konvenuta ghandha tigi konsiderata li rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju;*
>
> *2. Tiddeciedi li b’effett mid-data li fiha jigi hekk stabbilit li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta’ adulterju hija ddekadiet mid-dritt taghha li tezigi l-manteniment minghand zewgha l-esponent, u konsegwentement*
>
> *3. Tiddeciedi li b'effett mid-data hawn fuq imsemmija spicca d-dritt ta' l-istess konvenuta li tezigi l-manteniment ghaliha minghand l-esponent ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni li gie maghmul bejn il-partijiet, kif gie spejgat, fil-15 ta' Dicembru, 2000;*

*4. Tillikwida l-manteniment li jirrizulta, ghalhekk, li gie mhallas indebitament mill-esponent lill-konvenuta, mid-data li fiha jkun stabbilit li hija rrendiet ruhha hatja ta' adulterju fil-konfront tieghu sad-data tas-sentenza, u*

*5. Tordna lill-konvenuta li thallas lura lill-esponent il-manteniment li kif inghad jirrisulta li thallas lilha mill-esponent indebitament flimkien ma' l-imghax legali relattiv.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta in subizzjoni.”*

3. Permezz ta’ risposta maħlufa ppreżentata fid-9 ta’ Jannar 2009,[1] il-konvenuta wieġbet illi:

*“Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu li hemm lok li terga' tigi dikjarata u pronunzjata s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti minhabba l-allegat adulterju ta' l-eccipjenti.*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost u sussidjarjament, skont l-Artikoli 51 u 52 tal-Kodici Civili, id-dekadenza mid-dritt ta' manteniment m'hijiex mandatorja izda fakoltattiva ghall-Qorti skont ic-cirkostanzi tal-kaz u tali dekadenza zgur mhux applikabbli fil-kaz odjern.*

*Illi sussidjarament u bla pregudizzju fi kwalunkwe kaz, ir-raba' u l-hames talbiet huma nfondati fid-dritt stante li l-manteniment imhallas u li qieghed jithallas m'huwiex dovut pendente lite u kwindi l-Artikolu 25 tal-Kodici Civili ma japplikax izda semmai japplika l-Artikolu 22 (1) tal-Kodici Civili.”*

4. Permezz ta’ sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-22 ta’ Ottubru 2012,[2] ġie ddikjarat id-divorzju bejn il-partijiet;

5. Permezz ta’ risposta ulterjuri ppreżentata fis-26 ta’ Mejju 2016,[3] il-konvenuta eċċepiet illi:

---

[1] Fol. 20 – 1.
[2] Fol. 118 – 120.
[3] Fol. 164.

> *"In vista tas-sentenza ta' divorzju mogħtija bejn il-partijiet fit-22 ta' Ottubru 2012 ... l-azzjoni attriċi odjerna hija llum insostenibbli stante li l-Qorti ma tistax iżjed tippronunzja s-separazzjoni mill-ġdid bejn il-partijiet una volta ż-żwieġ huwa llum xjolt u għalhekk lanqas tista tikkonsidra iżjed it-talba tal-attur sabiex l-esponenti tiġi dikjarata li ddekadiet mid-dritt tagħha li teżiġi manteniment mingħand żewġha b'effett minn dik id-data li l-Qorti tistabbilixxi li hi rrendiet ruħha ħatja tal-allegat adulterju."*

6. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2018[4] ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuta;

7. Dik is-sentenza ġiet konfermata minn din il-Qorti fil-5 ta' Marzu, 2020 u fiha intqal:

> *"17. Il-qorti ma tara xejn irregolari li l-ewwel Qorti tikkunsidra l-każ fil-mertu sabiex:*
> *i. Jekk kien hemm adulterju min-naħa tal-konvenuta f'xi żmien wara li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni u qabel inħall iż-żwieġ, li seta' wassal għal separazzjoni bejn il-kontendenti fi żmien meta l-kontendenti kienu għadhom miżżewġin;*
> *ii. Fl-affermattiv iż-żmien meta seħħ l-adulterju;*
> iii. *Għandhiex tapplika s-sanzjoni kontemplata mil-liġi u fl-affermattiv b'effett minn meta"*

8. B'sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru 2021, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ċaħdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

9. Dan wassal għar-rikors tal-appell ippreżentat fit-8 ta' Novembru 2021, permezz ta' liema l-attur talab lil din il-Qorti:

> *"tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet li ressqet l-intimata appellata u tilqa' t-talbiet tal-esponent appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

---

[4] Fol. 192 et seq.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

10. L-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur sostanzjalment għaliex mill-provi rriżulta li kien jaf bl-adulterju tal-konvenuta martu minn <u>qabel</u> ma ġie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni permezz ta' liema ntrabat iħallasha manteniment għaliha. Għalhekk għandu issa japplika l-prinċipju *pacta sunt servanda.*

11. Il-konsiderazzjonijiet saljenti li għamlet l-ewwel Qorti huma:

> *".. . l-attur kien konsapevoli, qabel ma ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni li kien hemm relazzjoni għaddejja bejn il-konvenuta u Loreto Zahra. L-attur jittenta jikkonvinċi lil dina l-Qorti li qabel ma ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni kellu biss "suspetti" li seta' kien hemm xi ħaġa bejn il-konvenuta u Zahra u dina l-Qorti taqbel mal-verżjoni tal-konvenuta li l-inġaġġ tal-private investigator Oliver Abela huwa biss sotterfuġju sabiex jikkonvinċi l-Qorti li qabel ma ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni kellu biss "suspetti".*
>
> *Il-konvenuta ċċitat diversi sentenzi fejn skond dina l-ġurisprudenza "huwa essenzjali li sabiex wieħed mill-konjuġi, ġja legalment separat, jista' jitlob li jiġi eżonerat mill-obbligu tal-ħlas ta' manteniment pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni personali jew ordnat b'sentenza ta' separazzjoni personali, dak il-konjuġi irid jibbaża t-talba tiegħu fuq kawżali li tkun differenti minn dik jew dawk il-kawżali msemmija fis-separazzjoni oriġinali, liema kawżali tkun okkorriet wara dak il-kuntratt jew senenza."*
>
> *L-assjem tal-provi jwasslu għall-konklużjoni waħda u ċioe li dina l-Qorti hija konvinta li l-attur kellu ndizzji ċari u preżunzjonijiet gravi biżżejjed biex ikun hemm provi ta' adulterju li huma atteċedenti għall-kuntratt ta' separazzjoni li ġie ppubblikat fil-15 ta' Diċembru, 2000. L-attur kien konsapevoli tal-adulterju, iżda ttenta jsalva ż-żwieġ u meta ma wasalx iffirma separazzjoni konsenswali, iżda meta ħa din id-deċiżjoni, intrabat mal-konvenuta pacta sunt servanda u ma jistax issa jippretendi li jinħall mill-obbligi tiegħu għall-ħlas ta' manteniment, meta dahal ghall-kuntratt konsapevoli li kien hemm infedelta da parti tal-konvenuta."*

12. Permezz ta' dan l-appell l-attur jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tevalwa b'mod xieraq il-provi li nġiebu quddiemha, liema provi kienu skontu konkreti, konklussivi u fil-livell rikjest mil-liġi u ma kinux f'idejh qabel ma ġie konkluż il-kuntratt ta' separazzjoni bejnu u bejn il-konvenuta appellata.

13. Da parti tagħha l-appellata wieġbet illi l-indizji li ssemmew fix-xhieda tal-appellant '*setgħu biss iwasslu għall-konklużjoni li l-attur kien jaf b'Loreto Zahra ferm qabel ma ffirma l-kuntratt ta' separazzjoni u kwindi l-inkarigar minnu tal-investigatur privat Oliver Abela kien bl-uniku skop sabiex taparsi juri li nduna bl-infedeltà posterjorment għall-iffirmar tal-kuntratt.'* Tgħid li l-Qorti tal-ewwel grad straħet fuq din il-verżjoni għaliex hija l-aktar waħda probabbli u veritjiera u għalhekk id-diskrezzjoni tagħha m'għandhiex tiġi disturbata minn din il-Qorti.

14. Mill-atti jirriżultaw is-segwenti <u>fatti</u>:

14.1. Il-partijiet infirdu b'kuntratt tal-15 ta' Diċembru, 2000 pubblikat min-Nutar Marco Farrugia fejn ġie ddikjarat li l-ħajja matrimonjali bejniethom kienet tkissret b'mod irrimedjabbli. L-appellant obbliga ruħu li jħallas Lm150 kull xahar lill-appellata;

14.2. Fl-affidavit[5] l-appellant qal li qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt kien hemm kawża ta' separazzjoni pendenti bejn il-partijiet u dak iż-żmien huwa diġa` kellu s-suspetti tiegħu li l-appellata kellha 'għajn ħaddieħor' tant illi: (i) kien beda jirrekordja t-telefonati li jsiru fuq it-telefon tad-dar; u (ii) kien isegwiha meta toħroġ mid-dar. In-kontro-eżami kkonferma li fil-fatt kellu suspett f'Loreto Zahra[6] għaliex fl-1997 kien irrekordja telefonata bejniethom filwaqt li fis-sena 1998 kien raha ħierġa mill-karozza ta' Loreto Zahra ġewwa Ħal Far. Xehed illi wara dan l-aħħar episodju l-appellata riedet titlaq mid-dar bit-tfal b'kollox u għalkemm baqgħet id-dar, bdiet torqod ħdejn it-tfal.[7] L-appellant xehed ukoll illi f'dik l-okkażjoni kien saħansitra ċempel lill-mara ta' Loreto Zahra li qaltlu li hi wkoll kellha suspett li żewġha kellu relazzjoni intima ma' mara oħra.[8] Mistoqsi jekk sal-kuntratt ta' separazzjoni martu qatgħetx il-kuntatt ma' Loreto Zahra, wieġeb li jaħseb 'li le', kemm għaliex martu kienet toħroġ għal tul ta' ħin u tagħti raġuni mhux plawsibbli dwar fejn kienet tmur,[9] kif ukoll għaliex kien ġab *itemised bill* tat-telefonati bejn April u Ġunju 2008 u minnhom irriżulta li min-numru tad-dar kienet issir telefonata ta' kuljum fuq in-numru tal-*mobile phone* ta' Loreto Zahra.[10] Xehed ukoll li '*minkejja dan kollu jien iffirmajt il-kuntratt tas-separazzjoni u obbligajt ruħi li nagħtiha l-manteniment.*';[11]

---

[5] Fol. 25.
[6] Fol. 78.
[7] Fol. 26.
[8] Fol. 80.
[9] Ara ukol fol. 26.
[10] Fol. 81 u Dok JG 1 a fol. 84.
[11] Fol. 81.

14.3. Ir-rapport tal-investigatur privat imqabbad mill-appellant hu datat 11 ta' Mejju 2008[12], kważi seba' snin u nofs wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni. Minnu jirriżulta li l-appellant talab lill-investigatur jinvestiga speċifikatament dwar jekk martu kellhiex relazzjoni ma' Loreto Zahra[13]. Suspett li l-investigatur ikkonferma;

14.4. L-appellant fetaħ din il-kawża fl-10 ta' Diċembru, 2008 sabiex il-Qorti: (i) tiddikjara s-separazzjoni minħabba adulterju tal-appellata; (ii) tiddikjara li ddekadiet mill-jedd ta' manteniment u li m'għandhiex jedd għall-manteniment miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni; u (iii) tillikwida u tikkundanna lill-appellata sabiex tħallas lura l-manteniment li rċeviet mid-data li jiġi stabbilit li seħħ l-adulterju;

14.5. Min-naħa l-oħra, l-appellata in subizzjoni u Loreto Zahra xehdu li huma biss konoxxenti;[14]

14.6. Fil-frattemp, b'sentenza tat-22 ta' Ottubru, 2012 (rikors 145/2012) ġie ddikjarat id-divorzju u s-sentenza saret *res judicata*.

---

[12] Fol. 28 *et seq*.
[13] Fol. 31.
[14] Fol. 68 u 105.

15. Il-Qorti m'għandhiex dubju li l-appellata kellha relazzjoni ma' Loreto Zahra sa minn qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-2000, u l-appellant kien jaf b'kollox.

16. Is-suspetti li kellu l-appellant imorru lura għas-sena 1997 meta beda jirrekordja t-telefonati. Fil-fatt kien irreġistra telefonata bejn martu u ċertu Loreto Zahra u meta qalilha bir-*recording* din wegħditu li ma terġax. Huwa stess jikkonċedi li madanakollu ma jaħsibx li martu żammet dik il-wegħda, kemm għaliex kienet toħroġ għal ħin twil u ttih skuża mhux kredibbli dwar fejn kienet tmur,[15] kif ukoll għaliex fl-1998 qabadha flimkien ma' Loreto Zahra ħierġa mill-karozza ta' dan tal-aħħar ġewwa Ħal Far. Wara dak l-episodju ma baqgħetx torqod ħdejh. F'dik l-okkażjoni kien: (i) ċempel lil mart Loreto Zahra jinfurmaha b'dak li kien għaddej u kkonfermat il-ħsieb li żewġha kellu relazzjoni ma' mara oħra; u (ii) kiseb *itemised bill* tat-*telephone* minn fejn irriżulta li kienet iċċempel lil Zahra fuq il-*mobile* kuljum. Altru għalhekk milli kellu biss suspett li martu kellha relazzjoni extra-konjugali ma' Loreto Zahra.

17. Minkejja dan l-appellant jinsisti li dawk il-fatti huma biss prova ta' kunfidenza żejda, mhux adulterju. Fl-appell għamel referenza għall-ġurisprudenza dwar il-grad ta' prova li trid tinġieb biex jiġi ppruvat l-

[15] Fol. 26 u 80.

adulterju u jikkontendi li r-relazzjoni intima bejn l-appellata u Loreto Zahra ġiet ippruvata biss mill-investigatur fl-2008.

18. Il-Qorti ma taqbilx. Mill-provi kien ċar li l-appellata kienet f'relazzjoni ma' Loreto Zahra sa mill-1997, u l-appellant kien jaf. Bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet ittransiġew id-differenzi kollha ta' bejniethom.

19. Dan ma kienx każ tal-appellata taħbi r-relazzjoni ma' Loreto Zahra għaliex l-appellant kien sar jaf li martu qiegħda f'relazzjoni ma' dik il-persuna. Lanqas mhu każ fejn l-appellata bdiet relazzjoni ma' raġel ieħor wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni. Minkejja li l-appellant kien jaf li hemm l-adulterju ta' martu, kien kuntent li jidħol għal dik l-obbligazzjoni. Ma jistax issa jerġa' jibdielu għaliex *pacta sunt servanda.*

Għaldaqstant, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr